MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1589/2002

**Maria Theresa Cassar**

**vs**

**Alexander Chircop**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm309.75) jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti d-danni sofferti mill-attrici fil-vettura taghha tal-ghamla "Suzuki" numru ta' registrazzjoni DBC-667, b'konsegwenza ta' l-incident stradali li sehh fil-15 ta' Lulju, 2000 fi Triq Villa Rosa, Swieqi, bejn l-imsemmija vettura u l-vettura ta' ghamla "Kia Avella" numru ta' registrazzjoni BBI-759 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis**

**tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-25 ta' Lulju, 2002, fejn intqal illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort ta' Analise Cassar is-sewwieqa tal-vettura ta' l-attrici u dana minhabba negligenza u imprudenza da parti taghha;**

**Illi in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 826 Kevin Farrugia, Annalise Cassar, Maria Theresa Cassar u Alexander Chircop. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Lulju, 2000, fis-7.45p.m. bejn il-vettura DBC-667 proprjeta` ta' l-attrici u misjuqa minn Analise Cassar u l-vettura BBI-759 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fi Triq Villa Rosa, Swieqi.**
**2. Analise Cassar kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' Villa Rosa, Swieqi, filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta jsuq fid-direzzjoni ta' Paceville.**

**3. Analise Cassar tghid li hi waqfet u rat lill-konvenut gej ghal fuqha. Qabel ma waqfet kienet ghaddiet karrozza ohra mid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut. L-attrici kellha hsara fuq quddiem in-naha tal-lemin. Analise Cassar tghid li l-konvenut kien ghal nofs it-triq, u dana kif indikat fl-isketch.**

**4. Skond ma xehed PS 826 Kevin Farrugia, fl-iskizz originali n-numri tal-vetturi kien inqalbu, u ghalhekk**

**saret il-korrezzjoni kif jirrizulta mill-iskizz esibit a Fol.11 ta' process.**

**5. Il-konvenut jikkonferma li kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat fil-hin ta' l-incident. Huwa qal li jekk jigu zewg vetturi faccata ta' xulxin dawn iridu jieqfu u jghaddu bil-mod hafna. Il-konvenut xehed hekk: "Jiena dak in-nhar kont ghaddej fi triq Villa Rosa, kien hemm blind corner, u ma lhaqtx rajt lis-sewwieqa l-ohra u grat il-kollizzjoni." L-istess konvenut jammetti li jekk l-attrici kienet qed ticcaqlaq dak il-hin din kienet qed ticcaqlaq bil-mod. Il-konvenut qabel li kien aktar il-barra lejn in-nofs tat-triq milli kienet Analise Cassar. L-incident gara wkoll minhabba li l-konvenut invada l-karreggjata tal-vettura l-ohra.**

**6. It-Tribunal ghalhekk qed iqies li hu ferm probabbli li fil-hin ta' l-incident Analise Cassar kienet tassew wieqfa, u li l-incident gara minhabba li l-konvenut ma kienx qed izomm "a proper look-out" u dana kif qal hu stess meta xehed li ma lahaqx ra lis-sewwieqa l-ohra. Ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh. Il-kwantum tad-danni ma kienx kontestat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u disgha liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm309.75), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------